# Saint Elias College

18, Misraħ Santa Venera, Santa Venera, SVR 1681, Malta

Tel. 2148 4121 • Fax & Tel. 2148 3146 • V.A.T. Reg. No. MT 12915036

URL: www.stelias.edu.mt • E-mail: rector@stelias.edu.mt

*Skola Sekondarja mmexxija mill-Karmelitani*


Ċirkulari Ġunju 2010




## KUNGRESS INTERNAZZJONALI TAL-ISKEJJEL KARMELITANI

Ir-Rettur, Fr Charles Mallia, l-Assistent Kap, is-Sur Joseph Pace u d-Direttur Spiritwali, Fr Jürgen Cucciardi bejn it-8 u 13 t'April attendew għall-Kungress Internazzjonali tal-Iskejjel Karmelitani f'Dublin l-Irlanda. Hemmhekk attendew għall-konferenzi, workshops u ċelebrazzjonijiet oħra.

Fr. Paul Chandler qal li l-missjoni tal-edukatur Karmelitan hija li jgħin lill-istudenti jiskopru l-Ġesù, ħaġa mhux faċli fid-dinja tal-llum.

Patri Miceal O Neil qal li bħala edukaturi Karmelitani għandu jkollna dawn il-karateristiċi:

1. Qegħdin nikbru fil-qdusija.
2. Naraw u nagħrfu s-sbuħija u d-dinjità tal-bnedmin.
3. Nagħtu kaz.
4. Inkunu viċin il-fqar.
5. Naħdmu flimkien.
6. Nimxu wara Ġesù, Marija u Elija.
7. Niċċelebraw l-Ewkaristija.

Is-Soru Visitacion Bas insistit fuq l-importanza tal-għalliema li huma msejħa li jkunu xhieda ta' Alla Ħaj fost l-istudenti.

Is-Sur Cesar Santa Maria qal li l-pedagoġija Karmelitana għandha 6 karatteristiċi:

1. Talb
2. Fraternità
3. Servizz
4. Ħniena (tenderness)
5. Mistika
6. Solidarjetà

***LIVE IN***



Bejn is-26 u t-28 ta' Frar sar live in għall-istudenti tal-Forms 3 u 4 fiċ-Ċentru tal-Irtiri tas-Sacred Heart f'San Ġiljan. Attendew 15-il student tal-Kulleġġ. Il-live in kien organizzat minn P. Jürgen Cucciardi u P. Daniel Galea f'isem l-Għaqda Vokazzjonijiet Karmelitani.

**QUDDIESA TAD-DULURI**

Nhar il-Ġimgħa 26 ta' Marzu ċċelebrajna l-Festa tal-Madonna tad-Duluri permezz ta' Quddiesa lkoll flimkien. Din il-quddiesa kienet immexxija mill-Kappilan tal-Parroċċa ta' Santa Venera, Fr Alex Scerri, Karmelitan, eks-student u eks-għalliem tal-Kulleġġ.



**OPEN DAY**

Nhar il-Ħadd, 25 ta' April, mijiet ta' familji żaru l-Kulleġġ fl-okkażjoni tal-*Open Day*. L-istudenti, l-għalliema u l-istaff kollu tal-Kulleġġ ta merħba lil dawk kollha li ġew iżuruna. Kienet verament esperjenza sabiħa u edukattiva.

**STUDENTI-GĦALLIEMA**

Nhar il-Ġimgħa 16 ta' April sellimna lit-tliet studenti-għalliema li għamlu l-esperjenza tagħhom fil-Kulleġġ. Dawn kienu Clinton Sammut li għallem ix-Xjenza lill-istudenti tal-ewwel u t-tieni sena u l-Bijoloġija; Amy Cutajar li għallmet il-Matematika lill-istudenti tat-tieni u t-tielet sena u lil Gaylin Bilocca li għallmet l-Ingliż lill-istudenti tal-ewwel u r-raba' sena.

**SPORTS DAY**

Nhar il-Ġimgħa 16 ta' April morna l-grawnd Matthew Micallef St John, il-Marsa, fejn iċċelebrajna Jum l-Atletika jew kif aktar magħruf *Sports Day*. Kellna programm mimli *b'heats* u *events*. Il-programm mexa ħarir u lkoll ħadna pjaċir b'dan l-avveniment annwali. Nirringrazzjaw lis-Sur Michael Farrugia, l-għalliema u l-bqija tal-istaff għat-tmexxija u s-servizz li taw. Nirringrazzjaw ukoll lis-Sur Maurice Spiteri li għal sena oħra ħa ħsieb jispara l-bidu ta' tant tlielaq, u lill-isponsors, Farsons għat-tinda, *Quintano Foods* għall-ilma u lis-Sur Govanni Chetcuti għas-sistema ta' komunikazzjoni.



Dan huma r-riżultati ta' Sports Day.

**Taħt it-13 il-sena – Form 1 u Form 2**

| | | |
|---|---|---|
| **1 punt** | Rowen Aquilina / Jurgen Borg / Sean Paul Camilleri / Ayrton Mizzi / Gaetan Said / Luke Sant / Mauro Vassallo - Tug-of-War | |
| **2 punti** | Daniel Debono | 3rd Potato Race |
| | Jean Paul Farrugia | 3rd Dressing Up Race |
| | Mikhail Galea | 3rd Shot Putt |
| | Joscelyn Sims | 3rd 400 metres |
| | Michael Spiteri | 3rd 200 metres |
| | Keith Vassallo | 3rd 800 metres |
| | Ryan Zammit | 3rd 100 metres |
| **3 punti** | Ayrton Camilleri | 3rd Long Jump / 1st Tug-of War |
| | Jason Schembri | 3rd Stepping Stone Race / 1st Tug-of War |
| **4 punti** | Keith Abela | 2nd Piggy Back Race |
| | Luke Bartolo | 2nd Leap Frog Race |
| | Adrian Cutajar | 3rd 3-Legged Race / 3rd Piggy Back Race |
| | Kain Gatt | 2nd Dressing Up Race |
| | Darren Grech | 3rd 3-Legged Race / 3rd Piggy Back Race |
| | Nathan Micallef | 2nd Sack Race |
| | Brandon Schembri | 2nd Long Jump |

| | | |
|---|---|---|
| **5 punti** | Janssen Laferla | 2nd 400 metres / 1st Relay Race |
| **6 punti** | Owen Bell | 1st Piggy Back Race |
| | Matthew Camilleri | 2nd Leap Frog Race / 3rd Sack Race |
| | Dylan Seracino | 1st Potato Race |
| **7 punti** | Christian Degabriele | 1st Sack Race / 1st Relay Race |
| **8 punti** | Etienne Caruana | 2nd 100 metres / 2nd 200 metres |
| | Arsene Cilia Mumford | 1st 3-Legged Race / 3rd Leap Frog Race |
| | Matteo Daga | 1st 3-Legged Race / 3rd Leap Frog Race |
| | Amar D'Anastas | 1st Long Jump / 3rd Skipping Race |
| | Brandon Micallef | 2nd 800 metres / 2nd Potato Race |
| **9 punti** | Alan Casha | 2nd 3-Legged Race / 1st Tug-of-War<br>2nd Piggy Back Race |
| **12-il punt** | Mark A. Micallef | 1st 100 metres / 1st Leap Frog Race |
| **13-il punt** | Matthew Bezzina | 1st Stepping Stone Race /<br>1st Skipping Race / 1st Tug-of-War |
| | Dorian Bugeja | 1st 200 metres / 1st 400 metres /<br>1st Relay Race |
| **15-il punt** | Marius Barbara | 1st Piggy Back Race / 2nd Shot Putt /<br>2nd 3-Legged Race / 1st Tug-of-War |
| **16-il punt** | David Vella | 1st Shot Putt / 1st Leap Frog Race /<br>2nd Skipping Race |
| **17-il punt** | Brian Farrugia | 1st 800 metres / 2nd Stepping Stone Race<br>2nd Dressing Up Race / 1st Relay Race |

**Taħt il-15 il-sena – Form 3 u Form 4**

| | | |
|---|---|---|
| **1 punt** | Sean Cardona / Nigel Cumbo / Darren Gaffarena / Christian Grech / Christopher Johnson / Serginho Mizzi / Alberto Cassar - Tug-of-War | |
| **2 punti** | Terence Attard Flores | 3rd Piggy Back Race |
| | Ryan Bugeja | 3rd Piggy Back Race |
| | Andrew Galea | 3rd Sack Race |
| | Bernard Martinelli | 3rd Long Jump |
| | Charmel Pace | 3rd Stepping Stone Race |
| | Jurgen Sammut | 3rd Shot Putt |
| | Anthony Schembri | 3rd 3-Legged Race |
| **3 punti** | David Farrugia | 3rd 100 metres / 1st Tug-of War |
| | Andrew Galea | 3rd Sack Race / 1st Tug-of War |
| **4 punti** | Terence Lauri | 2nd 100 metres |
| | Justin Xuereb | 3rd 3-Legged Race / 3rd Dressing Up Race |
| **5 punti** | Fabian Debono | 2nd Shot Putt / 1st Tug-of-War |
| | Darryl Farr | 2nd Sack Race / 1st Tug-of-War |
| **6 punti** | Amadeo Aquilina | 1st 3-Legged Race |
| | Nigel Calleja | 2nd Leap Frog Race / 3rd 200 metres |
| | Daniel Portelli | 2nd 3-Legged Race / 3rd Leap Frog Race |
| | Massimo Saliba | 2nd 3-Legged Race / 3rd Leap Frog Race |
| | Lydon Xerri | 1st Sack Race |
| **7 punti** | Christian Castaldi | 1st Long Jump / 1st Relay Race |
| | Jesmar Farrugia | 1st Shot Putt / 1st Tug-of-War |
| **8 punti** | Gabriel Borg | 2nd 200 metres / 2nd Leap Frog Race |
| | Kurt Scicluna | 2nd Piggy Back Race / 2nd Skipping Race |

| | | |
|---|---|---|
| **9 punti** | Melvin Agius | 1st Stepping Stone Race / 3rd Skipping Race / 1st Relay Race |
| **10 punti** | Keith Caruana | 1st 3-Legged Race / 2nd Dressing Up Race |
| **12-il punt** | Robert Ciantar | 1st Dressing Up race / 1st Skipping Race |
| | Shaun Tabone | 1st Piggy Back Race / Race / 3rd 400 metres 2nd Stepping Stone |
| | Andrew Vella | 1st Leap Frog Race / 2nd 400 metres / 3rd 800 metres |
| **15-il punt** | Pierluigi Pace | 1st Leap Frog Race / 2nd 800 metres / 2nd Piggy Back Race / 1st Relay Race |
| **17-il punt** | Bradley Mifsud | 1st 100 metres / 1st 200 metres / 2nd Long Jump / 1st Relay Race |
| **18-il punt** | Leo Muscat | 1st 400 metres / 1st 800 meters / 1st Piggy Back Race |

**Taħt is-17 il-sena**

| | |
|---|---|
| It-Tieni post | Francis Cutajar / Tyrone Debono |
| L-Ewwel post | Roderick Sammut |

| | |
|---|---|
| **Tellieqa tal-Irġiel** | Mr Benjamin Darmanin |
| **Tellieqa tan-Nisa** | Ms Amy Cutajar |

**JUM DINJI TAL-ATLETIKA**

Nhar it-Tlieta 4 u l-Erbgħa 5 ta' Mejju, atleti mill-Kulleġġ taħt it-tmexxija tas-Sur Michael Farrugia, ħadu sehem fil-laqgħa atletika organizzata mill-*Malta Amateur Athletic Association.* Din il-laqgħa atletika kienet parti miċ-ċelebrazzjoni tal-Jum Dinji tal-Atletika promossi mill-*International Association of Athletic Federations.*

Ħadu sehem:

| **Dawk li twieldu fl-1997 jew 1998** | | | **Dawk li twieldu fl-1995 jew 1996** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Mark Micallef | 80m | Long Jump | Bradley Mifsud | 80m | Long Jump |
| Etienne Caruana | 80m | | Nigel Vella | 1000m | |
| Brandon Schembri | 80m | Long Jump | Christian Castaldi | 80m | Long Jump |
| Dorian Bugeja | 150m | | Luke Bezzina | 150m | Long Jump |
| David Vella | 150m | Shot Put | Melvin Agius | 150m | |
| Amar D'Anastas | 150m | Long Jump | Gabriel Borg | 80m | |
| Brian Farrugia | 600m | Shot Put | Leo Muscat | 1000m | |
| Brandon Micallef | 600m | | Robert Ciantar | 1000m | |
| Janssen Laferla | 600m | | Jesmar Farrugia | | Shot Put |
| Marius Barbara | | Shot Put | Bernard Martinelli | 150m | Shot Put |

**Rebbieħa**

| | | |
|---|---|---|
| 150 metru | 1 | Luke Bezzina |
| *Long Jump* | 1 | Luke Bezzina / 3 Bradley Mifsud |
| 1000 metru | 3 | Leo Muscat |
| *Relay Race* | 3 | Luke Bezzina / Christian Castaldi / Bradley Mifsud / Leo Muscat |

**LAQGĦA U TAĦRIĠ**
Nhar l-Erbgħa 5 ta' Mejju r-Rettur attenda laqgħa għall-Kapijiet tal-Iskejjel tal-Knisja. Wara, flimkien mas-segretarja tal-Kulleġġ, is-Sinjorina Therese Scerri, attendew għal sessjoni ta' taħriġ fuq il-programm li fih se jitniżżlu d-dettalji ta' kull student li jservu sabiex jingħata ċ-ċertifikat tal-edukazzjoni sekondarja.

**KORS TAL-JAVA**
Nhar il-Ġimgħa 7 ta' Mejju, flimkien ma' għalliema oħra tal-Iskejjel tal-Knisja, is-Sur David Briffa, l-għalliem tal-kompjuter, beda kors fil-lingwa tal-kompjuters, Java. Mis-sena ddieħla l-istudenti li se jagħżlu l-*Computer Studies* se jitgħallmu din il-lingwa flok il-Pascal. Dan il-kors se jkun kull nhar ta' Ġimgħa matul it-tielet term ta' din is-sena u tas-sena ddieħla.



**QUDDIESA U ĦARĠA**
Nhar is-Sibt 8 ta' Mejju, studenti tal-Forms 4 u 5, kif ukoll xi eks-studenti tal-Kulleġġ ħadu sehem f'Quddiesa li saret fil-kappella ta' Sant'Anton fil-Palazz Verdala u wara ħadu xi ħaġa tal-ikel flimkien u għamlu mixja fil-Buskett.

***TOMMY AND ROSY***
Nhar it-Tlieta 11 ta' Mejju, l-istudenti tal-Form 2B marru jaraw il-film *The Magical Adventures of Tommy and Rosy* fl-*Eden Century Cinema*, San Ġiljan.

**ŻJARA L-PALAZZ, L-ARMERIJA U L-PARLAMENT**
Fuq inzjattiva tas-Sinjuri Carmen Zammit Farrugia u Doreen Muscat, l-istudenti tar-raba' sena, nhar il-Ġimgħa 14 ta' Mejju żaru l-Palazz tal-Granmastri, il-Belt. Hemmhekk huma raw l-Armerija u l-Parlament.

**TAĦRIĠ U SISTEMI TA' KOMMUNIKAZZJONI DIĠITALI**
Nhar l-Erbgħa 19 ta' Mejju, ir-Rettur, P. Charles Mallia, u s-Sur Joseph Pace, Assistent Kap, attendew laqgħa għall-Kapijiet tal-Iskejjel tal-Knisja dwar taħriġ għal dawk li jgħallmu u sistemi ta' kommunikazzjoni diġitali bejn l-iskola, l-istudenti u l-ġenituri.

**GĦAŻLA TAS-SUĠĠETTI**
Nhar il-Ħamis 20 ta' Mejju saret il-laqgħa għall-ġenituri tal-istudenti tat-tieni sena dwar l-għażla tas-suġġetti. Ikkordina din il-laqgħa s-Sur Raymond Azzopardi, *Guidance Teacher*. Nirringrazzjaw lis-Sinjuri Michael Farrugia, Lino Sultana u Eric Busuttil talli ġew jippreżentaw is-suġġetti li huma jgħallmu. Ir-Rettur u s-Sur Joseph Pace mexxew il-laqgħa.

**EMBED 2010**
Nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju l-istudenti tal-Form 3B żaru l-EMBED 2010 fil-lukanda *Excelsior*. Huma raw wirja dwar it-teknoloġija diġitali u ħadu sehem f'*workshops*. Il-ġurnata ta' qabel, ir-Rettur ra din il-wirja meta attenda għall-għoti tal-premjijiet fl-ICT. Is-Sur David Briffa żar huwa wkoll din il-fiera fil-ħin liberu tiegħu.

**TAGĦLIM TAR-RELIĠJON U ESPERJENZI TA' TAGĦLIM**

Nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju r-Rettur attenda żewġ laqgħat konsekuttivi. L-ewwel waħda kienet għall-Kapijiet tal-Iskejjel tal-Knisja dwar it-tagħlim tar-Reliġjon. It-tieni laqgħa kienet għall-Kapijiet tal-Iskejjel u kienet titratta l-esperjenzi ta' taħrig ta' studenti-għalliema tas-sena ddieħla.

**IL-ĠONNA TAL-ARGOTTI**

Bħala parti mit-tagħlim tal-Bijoloġija, nhar Il-Ġimgħa, 28 ta' Mejju is-Sur Eric Busuttil ħa lill-istudenti tal-Bijoloġija tat-tielet sena sal-ġonna tal-Argotti.

**SKEJJEL KATTOLIĊI FL-AWSTRALJA**

Nhar il-Ġimgħa 28 ta' Mejju r-Rettur attenda seminar tal-Kapijiet tal-Iskejjel tal-Knisja dwar l-iżvilupp u l-organizzazjoni tal-Iskejjel tal-Knisja fl-Awstralja. Dan is-seminar kien imexxi minn Dr Michael Buchanan. Jumejn qabel, Dr Buchnan żar il-Kulleġġ tagħna u l-aktar li baqa' impressjonat kien bil-laboratorju tax-xjenza, aktar u aktar meta sar jaf li konna aħna stess li żviluppajna d-disinn tiegħu.

**APPROVAZZJONI TAL-PJANTI**

Nhar il-Ġimgħa 28 ta' Mejju r-Rettur flimkien mal-Perit tal-Kulleġġ attenda laqgħa tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabbilità. F'din il-laqgħa ġew diskussi u approvati l-pjanti modifikati. Il-pjanti oriġinali kienu ġew mibdula għall-aħjar meta ddeċidejna li nillivellaw il-btieħi u nagħmlu lift wieħed li jwassal fil-livelli kollha tal-Kulleġġ.

**QUDDIESA FUQ TVM**

Nhar il-Ħadd 30 ta' Mejju l-Karmelitani f'Malta ċċelebraw Jum il-Missjonijiet Karmelitani, fejn sar talb għall-Missjoni li l-Karmelitani Maltin għandhom fil-Bolivja. Għal din l-okkażjoni, il-Quddiesa tal-Ħadd li xxandret fuq TVM kienet trasmessa mis-sala tal-Kulleġġ. Mexxa din il-Quddiesa Patri Jürgen Cucciardi, Karmelitan. Nirringrazzjaw lil dawk kollha li attendew u taw xi kontribut.

**L-ISKEMA TA' APPRENDISTAT**

Nhar it-Tnejn 31 ta' Mejju l-istudenti tar-raba' sena kellhom preżentazzjoni dwar l-iskema ta' Apprentistat.

**GĦANAFEST 2010**

Nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Ġunju, l-istudenti marru l-ġonna tal-Argotti fejn raw il-programm *Għanafest 2010* mtellgħa mill-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti.

**GĦAJNUNA GĦALL-MISSJONI KARMELITANA FIL-BOLIVJA**

Fl-aħħar *newsletter* tajna r-rendikont ta' dak li nġabar sa Frar b'riżq l-istudenti Bolivjani. Fl-aħħar xhur inġabru dawn il-flus:

| | |
|---|---|
| Karus fil-canteen u fl-uffiċċju ta' Giovanni | - € 46.69 |
| Ġabra minn kull klassi li kienet ippreżentata fil-Quddiesa tad-Duluri | - €250.55 |
| Mill-bejgħ ta' xi ikel waqt l-Open Day (Studenti tal-Form 1B) | - € 72.00 |
| Mill-bejgħ ta' xi ikel waqt l-Open Day (Studenti tal-Form 3B) | - € 57.01 |
| Mill-attività tal-aħħar tas-sena | - €164.00 |
| **Total** | **- €590.25** |

Irċevejna email ta' ringrazzjament u apprezzament ta' din il-ħidma minn għand Fr Garvin Grech, il-Kummissarju tal-Karmelitani fil-Bolivja. Prosit u grazzi lil kulħadd, jalla l-imħabba għal min hu batut dejjem tkompli tikber.

***EXTERNAL REVIEWS***

Nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Ġunju, s-Sinjura Carmen Pace Bezzina attendiet laqgħa dwar l-*external reviews* li se jibdew isiru fl-iskejjel mis-sena ddieħla 'l quddiem.

**QUDDIESA FIL-FGURA**

Nhar l-Erbgħa 9 ta' Ġunju l-Kulleġġ kollu, studenti, għalliema, staff ieħor u xi ġenituri, mar fil-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tal-Karmnu fil-Fgura. Hemmhekk iċċelebrajna Quddiesa ta' ringrazzjament li tmexxiet mill-Provinċjal, Patri Michael Farrugia, Karmelitan. F'din il-quddiesa sirna nafu xi ħaġa dwar il-Beatu Karmelitan ġdid, Patri Angelo Paoli.



**Il-PREMJAZZJONI**

Nhar l-Erbgħa 9 ta' Ġunju, minflok l-aħħar żewġ lezzjonjiet tas-sena, ċċelebrajna l-premjazzjoni. L-ewwel qassamna l-premjijiet tas-sena skolastika 2008-2009 u wara qassamna t-trofej tal-isports day u tar-rebbieħa tal-*leagues* tal-futbol. Qassam il-premjijiet il-Provinċjal, Patri Michael Farrugia, eks-student tal-Kulleġġ.



**Futbol - L-Ewwel u t-Tieni Post**

**Form 1**

| L-Ewwel Post: PORTUGAL | It-Tieni Post: FRANZA |
|---|---|
| Luke Bartolo, Emm. Camilleri | Matthew Camilleri, Andrea Cassar |
| Matteo Duga, Ryan D'Amato | Arsene Cilia M., Jean C. Azzopardi |
| Luke Sant, Emerson Zammit | Adrian Cutajar,Darren Grech |

**Form 2**

| L-Ewwel Post: SPANJA | It-Tieni Post: GHANA |
|---|---|
| Keith Abela, Rowen Aquilina | Etienne Caruana, Alan Casha |
| Mark Micallef, Brandon Schembri | Kurt Craus, J.P. Darmanin |
| Chris Degabriele, Janssen Laferla | Ayrton Camilleri, Luke Gatt |

**Form 3**

| L-Ewwel Post: *IVORY COAST* | It-Tieni Post: BRAZIL |
|---|---|
| Ryan Bugeja, Dean Carabott | Andrea Bonavia, Julian Camilleri |
| Andrew Vella, Matthias Borg | Robert Ciantar, PierLuigi Pace |
| Denzil Briffa, Darryl Farr | Daniel Portelli, Samuel Sciberras |

**Form 4**

| L-Ewwel Post: INGILTERRA | It-Tieni Post: TUNISIA |
|---|---|
| Leo Muscat, Justin Xuereb | Shaun Tabone, Melvin Agius |
| Roderick Sammut, Tyrone Debono | Jean C. Bianchi, Amadeo Aquilina |
| Gabriel Borg, Matt. Camilleri | Francis Cutajar, Robert Ciantar |

**JOB SHADOWING**

Jean Carl Bianchi tela' bix-xorti minn fost sħabu sabiex jieħu sehem fl-esperjenza ta' *Job Shadowing* organizzata mill-*Malta Financial Services Authority*.

**SEMINAR TAL-GĦALLIEMA U L.S.A.s**

Nhar it-Tlieta 22 ta' Ġunju se jsir is-seminar tal-aħħar tas-sena tal-għalliema u l-*Learning Support Assistants*. Wara jkun hemm ikla tal-aħħar tas-sena għall-istaff kollu tal-Kulleġġ.

**TMIEM TA' ĦAMES SNIN SKOLA**

Nhar il-Ġimgħa 25 ta' Ġunju, tiġi ċċelebrata l-*Graduation* tal-istudenti tal-ħames sena. Il-programm tal-*graduation* jinkludi quddiesa ta' ringrazzjament, diskorsi tal-okkażjoni, għoti ta' rikordju u riċeviment ċkejken.

**KORSIJIET GĦAL MATUL IS-SAJF**

Dan is-sajf se jsiru 3 korsijiet tal-Arti, wieħed għal dawk li qegħdin Form 2, ieħor għal dawk li qegħdin Form 3 u ieħor għal dawk li qegħdin Form 4. Se jsiru wkoll korsijiet tal-ECDL, tnejn ta' *modules* 2 u 3 u ieħor ta' *modules* 4 u 5. Se jkun hemm ukoll il-korsijiet tal-*P.E. Option* li jsiru flimkien ma' Savio College, St Augustine College u St Michael School.

**ATTIVITAJIET GĦAS-SAJF**

L-Għaqda Vokazzjonijiet Karmelitani se torganizza dawn l-attivitajiet għax-xhur tas-sajf. Nhar is-Sibt 26 ta' Ġunju se ssir quddiesa u ħarġa filgħaxija għall-istudenti li qegħdin minn Form 4 'il fuq. Għall-istess studenti se jsir *live-in* bejn it-12 u l-14 ta' Lulju, u BBQ fis-17 ta' Lulju. Se jsir *live-in* għall-istudenti tal-Forms 2 u 3 bejn id-19 u l-21 ta' Lulju, filwaqt li għall-istudenti tal-Form 1 se jsir *live-in* bejn is-26 u t-28 ta' Lulju. Fis-27 t'Awwissu se tiġi organizzata ġurnata għal Għawdex għall-istudenti li qegħdin minn Form 4 'il fuq. Dawk li jixtiequ jattendu jistgħu jikkuntattjaw lil P. Jürgen Cucciardi jew lil P. Daniel Galea mill-aktar fis possibbli fuq 79200745 / 79554124 jew bl-email: vokazzjonijiet@karmelitanimalta.org.

**FESTA TAL-MADONNA TAL-KARMNU**

Nhar Il-Ġimgħa, 16 ta' Lulju tiġi ċċelebrata fil-Knisja tal-Karmnu, l-Belt il-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Matul Lulju diversi parroċċi u lokalitajiet f'Malta u fid-dinja jiċċelebraw din il-festa.

**VAGANZA FLIMKIEN GĦAWDEX**

Bejn is-**16 u d-19 ta' Lulju se jiġu** organizzati vaganza flimkien Għawdex għall-istudenti mill-għalliema tal-Kulleġġ għall-istudenti tal-Ewwel Sena.

**FESTA TAL-PROFETA SAN ELIJA, PATRUN TAL-KULLEĠĠ.**

Nhar it-Tlieta, 20 ta' Lulju tiġi ċċelebrata l-festa tal-Profeta San Elija, patrun tal-Kulleġġ. S. Elija huwa qaddis meqjum mill-Insara, mill-Musulmani u mil-Lhud. Isiru festi ħelwin minn dawn it-tliet reliġjoniijiet fuq l-għolja tal-Karmelu, f'israel, fejn il-figura tal-Profesta Elija għada preżenti ħafna.

**BEJGĦ TAL-KOTBA U L-UNIFORMI**

Il-bejgħ tal-kotba u l-uniformi se jsir fil-5 ta' Awwissu u fid-9 ta' Settembru.

**EŻAMIJIET SUPPLIMENTARI**

Nhar it-Tlieta u l-Erbgħa, 24 - 25 ta' Awwissu jsiru l-eżamijiet supplimentari.

**BIDU TAS-SENA SKOLASTIKA 2010-2011**

Nhar it-Tlieta, 28 ta' Settembru tibda s-sena skolastika l-ġdida 2010-2011.

**SISTEMA TA' INFORMAZZJONI ONLINE**

Bħalissa qed isir ħafna xogħol sabiex is-sena ddieħla studenti, għalliema u ġenituri jkunu jistgħu jaċċessaw informazzjoni, bħal riżultati tal-eżamijiet, attendenza, *time-table* u rapporti pożittivi u negattivi, minn fuq il-websajt tal-Kulleġġ. Kulħadd ikun jista' jara l-informazzjoni tiegħu u mhux ta' ħaddiehor għax kulħadd ikollu *username* u *password* għalih. Nagħtukom aktar informazzjoni aktar 'il quddiem u probabbli anke norganiżżaw xi laqgħat ta' familjarizzazzjoni.

**KALENDARJU FUQ IL-WEBSAJT**

Infakkru li fuq il-websajt tal-Kulleġġ hemm kalendarju elettroniku li qed naġġornawh b'mod regolari. Hekk kif tiġi organizzata xi attività, qed iniżżluha f'dan il-kalendarju. Tistgħu tidħlu fih billi tikklikkjaw fuq l-ikona Saint Elias College *Calendar*. L-indirizz tal-websajt huwa: www.stelias.edu.mt. Din iċ-ċirkulari tinsab fuq il-websajt tal-Kulleġġ fis-sezzjoni *news*.